# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 3 ta' Settembru 2017
It-XXII Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tnejn u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inkunu bnedmin li ma nibżgħux nimxu fuq dak li jurina Kristu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġer 20, 7-9)

Il-profeta Ġeremija jurina li min irid jimxi wara Alla jrid ikun lest li jilqa' t-tmaqdir.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 62 (63), 2.3-4.5-6.8-9)

Għalik imxennaq jiena, Mulej, Alla tiegħi.

**It-Tieni Qari** (Rum 12, 1-2)

San Pawl jurina li aħna mistednin noffru lilna nfusna lil Alla u ma nagħtux każ tal-affarijiet tad-dinja.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 16, 21-27)

Bi kliem mill-aktar dirett, Ġesù jurina li jekk xi ħadd irid jiġi warajh, għandu jiċħad lilu nnifsu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Il-mixja wara Ġesù titlob impenn sħiħ u talb kontinwu. Ejjew f'dan il-mument nitolbu lil Alla jkompli jġedded il-ħidmiet kollha tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Jekk fis-salm responsorjali esprimejna x-xenqa tagħna lejn Alla, ejjew f'dan il-mument għażiż ukoll nesprimu x-xenqa tagħna lejn l-Ewkaristija.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.